# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1620

Kaz Nru. 1760

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Michael Caruana
u
Hempel (Malta) Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Hamis 14 ta Lulju 2005

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors f'isem Michael Caruana fil-21 ta' Marzu 2003 mill-Avv. Vanessa Borg fejn qed jghid illi t-tkeccija mill-impieg kienet assolutament wahda ngusta.

Is-Sur Michael Caruana li kien assistit mill-Avv. Vanessa Borg, aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant.

Ghas-socjeta deher is-Sur Charles Portelli, *Managing Director,* aktar 'l-quddiem jissejjah is-socjeta assistit mill-*Konsulent ghal Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali* s-Sur Alfred Mallia-Milanes.

It-Tribunal zamm hmistax il-seduta.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellant fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz jghid illi beda jahdem mas-socjeta appellata bhala *office boy,* xi snin wara sar *assistant manager* u wara *store manager.* Kien ilu jahdem mas-socjeta minn Mejju ta' l-1960 kwazi tlieta u erbghin (43) sena.
Illi dejjem gab ruhu sew u dejjem kien efficjenti f'xogholu. Illi wiehed mid-Diretturi tas-socjeta appellata, is-Sur Charles Portelli, fil-konfront tieghu kien wiehed ostili, liema atteggjament kien ukoll kontinwu.

Illi fil-fatt fl-10 ta' Dicembru 2002, hu safa' mkecci mill-impieg tieghu minn ma' s-Sur Charles Portelli u dan minghajr ebda raguni valida.

Is-socjeta fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tghid illi l-problema principali ta' l-appellant hi li kellu karattru w komportament difficli tant illi kien jirrezisti w jopponi t-tibdil u s-suggeriment fil-mod kif jahdem u jqassam x-xoghol. Dan l-atteggjament neggattiv tieghu kien fuq bazi regolari w allura kien johnoq u jostakola dik l-efficenza tant bzonnjuza fit-tmexxija ta' kull azjenda. Hija l-prattika fis-socjeta li kull fil-ghodu jinzamm '*production meeting'* fejn jigi diskuss u ppjanat il-mod kif ser isir u jitqassam ix-xoghol. F'dawn il-laqghat l-appellant kien dejjem jopponi meta l-*Managing Director* kien jissuggerilu xi mod gdid jew differenti kif l-appellant ghandu jopera. L-appellant kien jirrabja bil-konsegwenza li jwassal ghall-argumenti shan bejnu w l-*Managing Director*, is-Sur Charles Portelli li bir-ragun ma setghax jittollera l-insubordinazzjoni ta' l-appellant.

Fil-*production meeting* ta' l-10 ta' Dicembru 2002, fejn fost affarijiet ohra l-*Managing Director* Charles Portelli staqsa jekk kellhomx timbru ta' Hempel's biex tigi ttimbrata *letter of credit* l-appellant wiegeb bir-rabja li m'ghandux. Shabu siktuh u wrewh li ma kien hemm ebda raguni la li jirrabja u wisq anqas li jghajjat. Kien wara li ntemm il-'*production meeting'* fejn is-Sur Portelli ta' xi struzzjonijiet lill-appellant biex iwettaqhom. L-appellant qabad jghajjat li ma riedx jaghmilhom.

Is-Sur Portelli qallu li jekk mhux lest isegwi dawk l-istruzzjonijiet li qed jinghatawlu jista jitlaq.  L-ghazla kienet f'idejn l-appellant.  Minnufih l-appellant qabad u telaq.

Is-socjeta zammet il-post ta' l-appellant vakant sa nofs Jannar ta' 2003 bit-tama li l-appellant jigi f'sensieh u jirritorna fl-impieg li kellu.   Sarulu diversi appelli minn numru ta' persuni, baqa testard u pprefera jisfida akkost li jitlef l-impieg.

Minkejja li abbanduna l-impieg, is-socjeta wara li stennietu sal-hmistax ta' Jannar 2003, hallsitu dak kollu li kien dovut lejh, sa anke taghtu l-bonus specjali li hi taghti lil-impjegati taghha fl-ahhar tas-sena.

**Rikors dwar l-Okkju**

Hu mportanti illi jigi miftiehem fil-bidu ta' dan il-kaz il-punt illi gie ghall-attenzjoni tat-Tribunal mill-appellant fil-24 ta' Frar 2005 dwar Rikors illi l-kumpanija Hempel's Marine Paints (Malta) Limited kif jidher fl-okkju bidlet isimha skond in-numru ta' registrazzjoni C 363 u saret Hempel (Malta) Limited kif jirrizulta mill-Company Act, 1995 fejn l-isem il-gdid beda b'sehh fis-7 ta' April 2003.

It-Tribunal kien diga zamm erbghatax il-seduta u kien imiss seduta wahda ghat-trattazzjonijiet finali.  Sar Digriet fit-28 ta' April 2005 fejn gie dikjarat li t-talba mill-appellant ghall-korrezzjoni ta' l-okkju giet accettata u attwata.

**Xhieda**

Xhiedu dawn is-segwenti Sinjuri:

Charles Portelli, *Managing Director*
Martin Galea, *General Manager*
Joseph Azzopardi, *Production Manager*
Albert Zammit, *Assistant Manager*
Professur John Portelli, *eks Direttur u eks Segretarju*
Francis Portelli, *Direttur Tal-Virtu Ferries*
I*s-Sur Alfred Mallia-Milanes*

L-appellant, *Store Manager*
Geitu Mercieca, *Segretarju, General Workers' Union*
Henri Saliba

**Provi**

Xhud is- Sur Charles Portelli, *Managing Director*, qal illi kull meta jmur il-factory fil-ghodu jzomm *production meeting* L-appellant kull meta jkun qed jigi diskuss xi tibdil kien dejjem bl-oggezzjonijiet specjalment meta t-tibdil imiss in-naha tieghu. Kellu sistema li ma jkunx irid ibiddel.

Kien fill-*production meeting* tal-10 ta' Dicembru 2002 li kien talab ghal timbru bl-isem tal-kumpanija ghax kellu Letter of Credit ghall-Libja u kien hemm xi problemi bil-Bill of Lading. Meta talab it-timbru ma ndika lil hadd, qal li jista' jkun li harist lejn l-appellant. L-appellant qabad jghajjat u x-xhud qallu ejja ha nkelmek barra biex ma jkunx quddiem l-istaff u fil-pront qallu, "*Jekk trid tghidli xi haga marridx*" qal li qallu *marridx* tliet darbiet. Ix-xhud qal li qallu li jekk ma tridx tobdi l-ordnijiet, "*halli c-cwievet u itlaq*" L-appellant qabad u telaq.

Ix-xhud qal illi mall-ewwel qal lill Joe Azzopardi, *Factory Manager,* biex icempel lill-appellant u jghidlu ma jghamilx dawn ic-cucati. Qal ukoll li zamm il-vaganza sa nofs Jannar vojta, bil-patt illi basta isegwi l-ordnijiet. Ghalkemm telaq fl-10 ta' Dicembru 2002 halsu sa l-ahhar ta' Dicembru u tah ukoll il-Bonus li jghati ghad-diskrezzjoni tieghu barra dak tal-Gvern.

Xhud is-Sur Joseph Azzopardi, *Production Manager,* qal illi dwar il-*production meetings,* l-appellant daqqa jaccetta u daqqa jirrezisti xi struzzjonijiet li jghatihom is-Sur Charles Portelli. Kien bnediem li ma tantx kien jiehu pjacir bit-tibdil. Qal li s-Sur Charles Portelli kien waqt meeting talab timbru u l-appellant irrispondieh u qallu li ma ghandux. Ix-xhud qal, " li l-oggett nahseb li kien ilha tibbildja bil-mod" Qal ukoll illi xi wara xi nofs siegha s-Sur Charles qallu li Michael (l-appellant) telaq kien cempillu d-dar ma kienx hemm. Wara li rega halla ftit tal-hin rega cempillu l-ufficcju Ta' Xbiex qabdu u qallu, "*Ahsiba daqsxejn u ejja*" l-appellant qallu, *"Le jien mhux se nersaq l-hemm"*

L-għada qal lis-Sur Charles Portelli staqsieh jekk ikkuntattjahx u wara li qallu iva rega qallu, *"Jekk trid terga c-cempillu u tghidlu, jien no hard feelings, jista' jerga lura"* L-ghada s-Sur Portelli qal lix-xhud, *"Jekk trid terga tghidlu, spicca lest li jidhol"*

Xhud is-Sur Albert Zammit, *Assistant Manager,* qal illi fil-*production meetings* l-appellant kellu attitudni li ma jaqbilx ma dak li jghid is-Sur Charles Portelli. Qal illi wara li nqalgha dan l-argument kien talbu jekk jaghmilx id-delivery taz-zebgha tal-vapuri, staqsieh ghala u qallu, *"I had to let Michael go"* Wara xi satejn ix-xhud u s-Sur Joe Azzopardi regghu telghu hdejn is-Sur Charles Portelli u qallhom, *"Jekk tridu cemplu lill-Michael u jien naccettah lura"* Appena nizlu isfel Joe Azzopardi cempel lil appellant u qallu, *"Michael ejjew ninsew kollox u ejja lura"* l-appellant qallu, *"Jien hemmhekk mar-ridx nigi aktar"*
Fuq domanda li saret lix-xhud, jekk hux sew li talab it-timbru lill-appellant, ix-xhud qal, *"Qalilna ghandkom xi timbru, mhux qal lill-Michael, qal lilna"* Fil-pront qabez l-appellant u qallu ma ghandniex.

Xhud is-Sur Martin Galea, *General Manager,* qal illi dakinhar tal-kaz kien imsiefer. Kien gie lura fis-16 ta' Dicembru 2002. Appena dahal ghax-xoghol infurmah Joe Azzopardi illi Michael (l-appellant) ma ghadux jahdem maghhom. Staqsa lis-Sur Charles Portelli u qallu, *"Ilu tant zmien maghna Michael, qallu ehe jien bghat ghalieh diga"* Ix-xhud qal illi wara xi tliet tijiem kien cempel lill-Michael (l-appellant) id-dar tieghu u qallu,*"Baqaghalhekk ftit zmien, mhux ahjar terga lura?"* Qallu, *"issa nkellhem lis-Sur Charles Portelli u zgur nistghu nirrangaw xi haga biex tirritorna lura"* L-appellant qallu, *"Allright, allright"* Ix-xhud kompla jghid lill-appellant, *"Iddiskutiha mal-familja fil-kaz erga cempilli"* Irrizulta li ma kienx cempel.

Ix-xhud spiega illi l-*production meetings* kienu jsiru regolari, kienu jiddiskutu l-problemi u jaraw kif dejjem itejbu s-sistema. Argumenti kien ikun hemm dejjem pero sfurtunatament ma l-appellant l-aktar li kien ikun hemm argumenti.

Xhud il-Professur John Portelli, *eks Direttur u eks Segretarju tas-socjeta ntimata*, qal illi ghal habta ta' Dicembru 2002 il-kariga tieghu kienet ghada kif spiccat ghax kien hemm divizjoni. Qal illi ilu jaf lill-appellant xi erbghin sena u fl-erbghin sena ma jaf li qatt naqas lill xi hadd. Qal illi l-appellant jikkonsidrah l-istep-father tieghu, ommu u hutu kollha sahansitra anki bic-cavetta tad-dar jafdawh.

Imbarra x-xoghol tal-fabrika l-appellant kullhadd kien isibu ghal kull ma kien jinqala u qatt ma jaf li naqas lil xi hadd.

Xhud is-Sur Francis Portelli, *Direttur Virtu Ferries,*. qal illi ghal habta ta' Dicembru 2002 il-kumpanija kienu qeghdin fil-process ta' divizjoni bejn il-group ta' l-ahwa. Gara illi Charles ha terz mill-group, John ha terz mill-group u hu ha terz iehor.

Bid-divizjoni l-appellant baqa jahdem mal-Hempel Marine Paints. Qal illi fl-10 ta' Dicembru 2002 l-appellant mar fl-ufficcju f'Ta' Xbiex konfuz u jibki fejn qallu li Charles keccieh.

Mistoqsi mill-assistita ta' l-appellant dwar l-attaggament tas-Sur Charles Portelli ix-xhud qal, *"Hija Charles minn dejjem kellu qalbu tajba hafna, kemm mal-impjegati u kemm partikularment ma Michael (l-appellant). Pero kellu atteggament partikulari , biex nghid hekk."*

Spiega illi huh Charles hu bnediem illi jekk per ezempju kellu xi jghid mieghu jehel ma rasu haddiehor. L-appellant kien fil-pozizzjoni sfortunata li jinqala x'jinqala jehel Michael. Ix-xhud qal ukoll illi sar jaf li l-appellant kien qed jippretendi li jdahhal almenu sitt elef lira bhala kumpens.

Fuq mistoqsija ta' l-assistit tas-socjeta qal, *"Jien kont Direttur f'Hempel's u sa fejn naf jien saret ingustizzja ma' Michael Caruana ghax gie imkecci."*

Xhud l-Appellant, *"Store Manager"* qal illi dahal mas-socjeta fl-1960 meta kellu erbghatax il-sena. F-43 sena qatt ma kellu *warning,* Qal illi s-Sur Charles Portelli kien ghal xi d-9 a.m. jaghmel il-*production meetings.* Kien jattendi kif ordnat ma kellux x'jaqsam ghax hu kien *Store Manager* responsabbli tal-*finishing goods* biss fl-istore. L-ordnijiet u struzzjonijiet kien jaghtihom lis-Sur Joe Azzopardi u Albert Zammit. Fil-laqghat kien jkunu erba' persuna li huma, Joe Azzopardi, Albert Zammit, Reuben Scicluna u l-appellant.

Dakinhar tal-kaz l-10 ta' Dicembru 2002, is-Sur Charles Portelli staqsieh jekk ghandniex timbru tal-kumpanija. Huwa rrisponda li *"le ma ghandniex"* Is-Sur Charles qallu *hekk tirrispondi* u x-xhud qallu, *"jekk ma ghandniex timbru minfejn tridni ngibulek"* Is-Sur Charles qallu, *"mhux hekk irrispondini"* l-appellant qallu, *"ghaliex qed tghajjat mieghi?"*

Meta x-xhud kien fl-ufficcju tieghu nizel is-Sur Charles u qallu, *"Ejja ha nkelmek barra"* is-Sur Charles qallu ,*"Din trid tghajjat aktar minni trid taqtaghha"* L-appellant qallu, *"mhux veru inti bdejt tghajjat"* Dak il-mument qallu, *"Halli c-cwievet u itlaq issa."*

L-appellant telaq mill-fabrika f'Kordin u baqa sejjer Ta' Xbiex bil-mixi fejn iltaqa' mas-Sur Francis Portelli u mal-Professer John Portelli. Wara mar d-dar u l-mara qaltlu li kien cempillu Joe Azzopardi. Cempel lil Joe Azzopardi fejn Azzopardi qal li kien qal lis-Sur Charles u qallu, *"Ghaliex ghamiltu hekk lil Michael?"* u s-Sur Charles qallu, *"Jekk jigi nahfirlu, jekk jigi."*

Meta ghaddew xi granet l-appellant mar l-ufficju Ta'Xbiex ghand is-Sur Charles Portelli biex jiehu t-*Termination Form* u jmur jirregristra. Kien mar darbtejn u ma tawhx it-*Termination Form,* wara mar il-Labour Office u l-ETC biex jghidilhom li ma kienux tawh it-*Termination Form.* Mistoqsi mill-legali tieghu jekk is-Sur Charles Portelli qattx cempillu biex imur lura ghax-xoghol qal, *"Iva kont immur lura ghax-xoghol, kont immur ghax-xoghol."*

Xhud is-Sur Alfred Mallia-Milanes qal illi kienu bdew kuntatti bejnu u bejn is-Sur Francis Portelli biex jirrangaw din il-bicca xoghol fuq kumpens. L-appellant kien mar ghandu id-dar u dakinhar kull ma qallu l-appellant kien jekk hux lest li jmur lura ghax-xoghol. Ix-xhud qal illi l-appellant qatt ma wera, fit-tahdita li kellu mieghu, li kien lest li jmur lura ghax-xoghol. Tant ma kellux hegga li jmur lura ghax-xoghol illi qal illi l-post qisu kamra mimlija bl-isplussivi.

Sar konfront bejn l-appellant u x-xhud biex jigi ccarat dak id-diskors li sar bejniethom meta l-appellant kien ghand ix-xhud id-dar tieghu. Fuq mistoqsija jekk l-appellant hux jahdem qal, li beda jahdem ma kumpanija gdida "Island Fending" mill-1 ta' Novembru 2004.

Xhud is-Sur Gejtu Mercieca, *Segretarju tat-Taqsima, General Workers' Union*, qal illi ilu jiehu hsieb il-Hempel ghal tmin snin. Ir-relazzjonijiet tieghu mas-socjeta huma tajbin hafna.

**Konsiderazzjonijiet**

L-appellant dahal fl-impieg mas-socjeta fis-sena 1960 meta kien ghad kellu erbatax il-sena, spicca fl-10 ta' Dicembru 2002. Fiz-zmien li kien mas-socjeta, il-familja Portelli dejjem skond dak li qal l-appellant u gie ukoll korroborat mis-Sur Francis Portelli u l-Professur John Portelli illi kien igawdi rispett kbir tant li sahansitra anke mal-genituri tal-ahwa Portelli. Kien il-bnediem li kien ta' ghajnuna ghal kull bzonn li kien ikollha l-familja Portelli dan naturalment imbarra dak ix-xoghol tas-socjeta.

L-ahwa Portelli f'dawn l-ahhar snin waslu ghal divizjoni fin-negozju. Fis-separazzjoni l-appellant minhabba li kien mal-Hempel jghid illi baqa' mas-socjeta appellata liema socjeta giet tippartieni lis-Sur Charles Portelli; is-Sur Francis u l-Professur John Portelli hadu entitajiet ohra.

Is-Sur Charles Portelli beda jzomm *production meetings* regulari mal-managers li huma: Albert Zammit, Joseph Azzopardi, Reuben Scicluna u l-appellant. F'dawn il-*production meetings* kien jigi diskuss l-mod ta' kif l-ahjar jitmexxa x-xoghol, x'titjib jista' jsir u suggerimenti ghal sistema aktar produttiva. Is-socjeta tghid illi f'dawn il-laqghat l-appellant kien dejjem joggezzjona ghal kull tibdil li jigi propost mis-Sur Charles Portelli. Gie ikkwotat wkoll meta kien suggerit sistema ta' *shelving* u *pallettisation*.

Hu fatt accettat f'kull post bl-aktar mod responsabbli u demokratiku illi kull membru prezenti waqt is-seduta jew seduti ghandu kull dritt kif ukoll obligu illi juri l-hsibijiet u l-veduti tieghu ghal kull haga li tkun fid-diskussjoni. Li jkun hemm min jopponi anki jekk wiehed imur fl-estrem ma hux kunsidrat bhala tfixkil. Tant hu minnu dan il-fatt illi qatt ma gie mressaq quddiem it-Tribunal waqt is-smieh tal-kaz illi l-appellant naqas milli finalment wara li tkun saret kull deliberazzjoni tal-kaz in diskussjoni naqas milli jobdi u jew ma jattwax dak li jkun gie miftiehem li ghandu jsir.

Il-kaz inqala fl-10 ta' Dicembru 2002 waqt laqgha tal-*production meeting* fejn is-Sur Charles Portelli talab ghal timbru bl-isem tal-kumpanija ghax kellu Letter of Credit ghall-Libja. Is-Sur Charles jghid it-talba ghat-timbru ma kienet indirizzata lejn hadd waqt li l-appellant isostni illi t-talba saret lilu. Is-Sur Albert Zammit xehed illi s-Sur Charles Portelli qalilhom, *"Ghandkom xi timbru, mhux qal lill Michael (l-appellant) qal lilna. Fil-pront qabez l-appellant u qallu ma ghandniex."*

Is-Sur Joseph Azzopardi xehed li waqt il-laqgha s-Sur Charles talab timbru u l-appellant qallu ma ghandniex. Qal ukoll illi jahseb illi l-oggett kien ilu jibbildja bil-mod.

Is-Sur Charles Portelli qal illi l-appellant beda jghajjat tant illi talbu li jinzel u jkelmu barra wahdu. F'dan l-istadju s-sitwazzjoni kompliet aktar iggravat tant illi skond l-appellant is-Sur Charles Portelli qallu, *"Halli c-cwievet u itlaq issa"*. L-appellant qabad u telaq. Mill-fabrika mar l-ufficcju Ta' Xbiex.

Wara li telaq kien is-Sur Albert Zammit li cempillu. Wara xi satejn li nqala dan l-argument huwa u s-Sur Joe Azzopardi kellmu lis-Sur Charles Portelli u qallhom, *"Jekk tridu cemplu lill-Michael (l-appellant) u jien naccettah lura"* Meta cempell lill-appellant Joe Azzopardi qallu, *"Michael ejja ninsew kollox u ejja lura"* L-appellant qallu, *"Jien hemmhekk marridx nigi aktar."*

Is-Sur Martin Galea jghid illi kien cempillu d-dar u qallu,*"Baqghalek ftit zmien mhux ahjar tigi lura? Qallu ddiskutija mal-familja u fil-kaz erga cempilli"* Ir-rizultat kien li ma cempillx. Is-Sur Alfred Mallia-Milanes qal ukoll fix-xhieda tieghu illi meta l-appellant kien mar ghandu d-dar kien qallu jekk hux lest li jmur lura ghax-xoghol. L-appellant ma kienx wera hegga li jmur lura ghax-xoghol.

L-appellant isostni illi hu tkecca meta s-Sur Charles Portelli qallu halli c-cwievet u itlaq. Bhala prova l-appellant qal illi meta Charles Portelli xehed illi qal lil Joe Azzopardi sabiex jghidlu jmur lura kienet ammissjoni implicita carissima li fil-fatt huwa kecca lill-appellant.

It-Tribunal ried jara jekk l-appellant tkecciex jew telaqx mix-xoghol minn jeddu. Gie innotat illi s-socjeta ma pprezentat ebda korrispondenza relatata mal-kaz ta' l-appellant fir-rigward ta' ittra jew ittri dwar is-sitwazzjoni. Saru biss skambjamenti verbali permezz tal-telefon mill-impjegati tas-socjeta u b-forma diretta mis-Sur Mallia-Milanes lill-appellant meta kien id-dar tieghu.

In-nuqqas ta' kitba f'kazi bhal dawn sew jekk l-impjegat ikun telaq jew tkecca ma jawgurax tajjeb fir-relazzjonijiet industrijali. Huwa essenzjali illi is-socjeta taghmel kollox bil-miktub u turi bl-aktar mod car l-intenzjon taghha, mhux messaggi verbali bhal fil-kaz in ezami.

**Decizjoni**

I-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esibiti, sema u ra x-xhieda prodotta u t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jsib illi l-appellant tkecca mill-impieg minghajr raguni gusta. Ghandu ghalhekk jinghata kumpens fis-somma ta' elfejn u erba mitt lira Maltin (Lm2,400.00) liema kumpens ghandu jithallas mhux aktar tard minn tminja u ghoxrin gurnata konsekuttiva mid-data tad-Decizjoni.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---

**Alphonse Caruana**
**Chairman**